**3 ta' Ottubru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Carmelo Mifsud

*versus*

Andrea Mifsud

**Integrità tal-ġudizzju — Assoċjazzjoni in parteċipazzjoni — Kjamata in kawża — Art. 166(1) (2), Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Peress illi l-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni ma tikkostitwix "ente collettivo" separat u distint mill-persuni tas-soċji, quddiem it-terzi hija legalment injorata, u per konsegwenza, ma tindući ebda responsabbiltà solidali u kollettiva ta' l-assoċjati, u tant l-assoċjat kemm it-terzi għandhom dritt ta' azzjoni*

*biss kontra xulxin, salv ir-rigress lill-assoċjat konvenut kontra l-assoċjati l-oħra, meta huwa jkun sokkombent.*

*Meta f'kawża tkun ċitata jew qegħda tidher persuna illi hija persuna leġittima illi ssostni l-ġudizzju l-Qorti tista' biss, "ex ufficio", tissejjaħ fil-kawża kwalunkwe interessat ieħor, iżda ma tistax tillibera "ab observantia" dak il-konvenut illi jinsab ċitat sewwa.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut kien bena ċint abusivament fl-isqaq "Cane Alley" u b'hekk impedixxa li l-attur, li għandu garage fl-istess sqaq faċċata ta' dan iċ-ċint, li wara li jkun ħareġ il-"motor hearse" tiegħu li jkun jista' jerġa' jdaħħalha fl-istess garage; u illi għalkemm interpellat diversi drabi wkoll missid tal-fond, il-konvenut naqas li jirrimuovi ċ-ċint, u ġie rimoss biss b'ordni tal-Qorti wara sentenza ta' 9 ta' Lulju, 1962, mogħtija minn din il-Qorti wara sentenza ta' 9 ta' Lulju, 1962, mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Censu Fabri vs. Andrea Mifsud"; u illi, minħabba dan l-aġir illegali tal-konvenut, l-attur sofra danni billi ma setax juża l-"motor hearse" ta valur aktar minn erbat elef lira (£4000) għall-perijodu mit-8 ta' Mejju, 1961 'l quddiem, u liema fatt kien ġie miġjub a konjizzjoni tal-konvenut b'diversi ittri inkluża ittra uffiċjali; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; previja d-dikjarazzjoni li hu *responsabbli tal-imsemmija danni, għar-raġunijiet fuq imsemmija*, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti bħala danni sofferti mill-attur konsistenti f'telf ta' qliegħ u spejjeż oħra li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża — bl-imgħax legali, bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Awissu, 1962;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid

illi preliminarjament il-ġudizzju mhux integru għaliex l-attur mhux l-uniku proprjetarju tal-motor hearse indikat fiċ-ċitazzjoni; illi fil-meritu t-talba ta' l-attur hija nfondata fid-dritt u fil-fatt għaliex hu ma sofra ebda danni għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u għalhekk it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Omissis.

Ikkunsidrat:

*Li l-konvenut jippretendi li l-ġudizzju mhux integru għa*liex l-attur mhux l-uniku proprjetarju tal-karozza in kwistjoni, u għalhekk ħuh Giuseppe Mifsud li huwa komproprjetarju, għandu interess fl-eżitu tal-ġudizzju; u dina l-omissjoni ma tistax tiġi sanata bil-kjamata fil-kawża tal-istess Giuseppe Mifsud, għaliex il-ġudizzju ma kienx integru "ad initio".

Ikkunsidrat:

Li l-attur isostni li l-preżenza ta' ħuh fil-kawża ma kienitx meħtieġa għaliex bejnu u l-istess ħuh kien hemm assoċjazzjoni in parteċipazzjoni, fejn l-attur huwa l-assoċjant u ħuh huwa l-assoċjat, u għalhekk quddiem it-terzi jidher dejjem l-attur li qiegħed imexxi f'ismu proprju l-ġestjoni talimsemmija karozza.

*Ikkunsidrat:*

Li m'hemmx kwistjoni li bejn l-attur u ħuh m'hemmx soċjetà regolari, u lanqas ma jeżistu rapporti ta' soċjetà regolari bejn l-assoċjati fis-"Soċjetà tat-Trasporti Funerali". Irriżulta li l-karozza xtraha l-attur u qiegħed iħallasha bir-rati, u l-liċenza relativa hija fuq isem l-attur (fol. 41); inoltri l-pretensjoni tal-attur hija bażata fuq l-allegati danni li huwa sofra,

billi ma setax juża l-"motor hearse' għal ċertu żmien imħabba l-aġir tal-konvenut; u b'dana l-mod ma setax jipparteċipa mill-profitti tal-imsemmija soċjetà.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut mhux jippretendi li l-attur bħala assoċjat fis-"Soċjetà tat-Trasporti Funerali", messu ġigħal lil dina l-assoċjazzjoni taġixxi kontra l-konvenut, jew almenu, dina messa kienet parti fil-kawża, billi interessata fl-andament u fil-qliegħ u t-telf li minnhom għandu jipparteċipa l-attur bħala wieħed mill-assoċjati. Il-konvenut biss qiegħed jillimita ruħu għall-eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux integru għaliex il-komproprjetarju l-ieħor tal-karozza mhux parti fil-kawża. Dwar dina l-eċċezzjoni l-Qorti sejra teżamina l-fondatezza o menc tagħha fil-konfront tal-provi li għandha quddiemha.

Ikkunsidrat:

Illi l-liġi fl-art. 166(1) (2) tal-Kodiċi Kummerċjali tiddelimita l-oġġett tal-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni għall-operazzjoni waħda jew iżjed tal-kummerċ speċjali u determinati, u t-terz għandhom biss azzjoni kontra s-soċju li miegħu jkunu kkuntrattaw, bla ħsara tal-jedd ta' dana s-soċju li jdur kontra sħabu.

Jgħid Vivante a propositu: "L'associante non agisce come amministratore, nè come rappresentante degli altri associati, ma come un commerciante che amministra gli affari propri e può disporre come gli piaci. Egli solo stringe vincoli giuridici coi tersi, egli solo è loro creditore e debitore". (Trattato di Dto. Comm. Vol. II, para. 838 pag. 542). Dawna l-prinċipji ġew inkorporati fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li irritenew li peress li dina l-għamla ta' assoċjazzjoni ma tikkostitwix "ente collettivo", separat u distint mill-persuni tas-soċi, quddiem

it-terzi, hija legalment injorata, u per konsegwenza, ma tinduċi ebda responsabilità solidali u kollettiva tal-assoċjati (Kollez. XVI, iii, 7; XXVIII, iii, 781; u XXXVIII, iii, 658), u tant l-assoċjat kemm it-terzi għandhom dritt ta' azzjoni biss kontra xulxin (Kollez. XL, i, sez. I, 589), salva r-regress lill-assoċjat konvenut kontra l-assoċjati l-oħra, meta jkun sokkombent (Kollez. XXIX, i, 1228); dana jingħad bħala korollarju tan-natura ta' dina l-assoċjazzjoni, li għaliha ġeneralment jikkontratta wieħed mill-assoċjati, mentri l-ieħor imsejjaħ "socis *dormiente*" jibqa' in disparte u ta' spiss anqas jidher fil-pubbliku. (Kollez. XXIX, iii, 116, 169; XXXIII, i, 609, 615).

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti tirritjeni li bejn l-attur u ħuh hemm assoċjazzjoni in parteċipazzjoni dwar in-negozju partikolari li huma qegħdin jagħmlu permezz tal-motor hearse in kwistjoni li għalih qiegħed jidher huwa biss; u għalhekk il-pretensjoni tad-danni avanzata mill -attur waħdu hija legalment sostenibbli, anki fl-assenza mill-ġudizzju tal-komproprjetarju l-ieħor, assoċjat mal-attur. Dana jingħad, anki in konsiderazzjoni talfatt li l-attur quddiem it-terzi huwa t-titolari tal-karozza, u għalhekk tispetta lilu kwalunkwe azzjoni għad-danni li sofriet dina l-karozza minħabba l-inattività tagħha talvolta imputabbli lill-konvenut. Il-kwistjoni tar-ripartizzjoni tal-quantum tarrisarċiment, ma tistax tirrigwarda l-konvenut, iżda lill-komproprjetarju l-ieħor tal-karozza fil-proporzjon tal-interess li huwa għandu fil-konferiment soċjali.

Ikkunsidrat:

Li l-osservazzjoni tal-konvenut li l-kjamata fil-kawża mhix aktar possibbli biex jiġi sanat dana d-difett inizjali talintegrità tal-ġudizzju ma jidhirx li jista' jkollha xi rilevanza determinanti għall-każ, in vista tal-fatt li dina l-Qorti mhix

ta' fehem li dina għandha tiġi ordnata la darba irriteniet li l-ġudizzju huwa integru fil-persuna tal-attur. Però, dina l-Qorti inċidentalment tħoss li għandha tirrileva li l-ġurisprudenza reċentement affermat il-ħtieġa li ma jiġux akkolti mingħajr *motiv fondat u legali eċċezzjonijiet simili, u stabiliet b'ċitazzjoni* ta' abbondanti awtorità, il-prinċipju li la darba fil-kawża hija ċitata jew qegħda tidher persuna li hija persuna leġittima li jsostni l-ġudizzju, il-Qorti tista' biss "ex officio", issejjaħ fil-kawża kwalunkwe interessat ieħor, iżda ma tistax tillibera "ab observantia", dak il-konvenut li jinsab ċitat sewwa ("On. Emmanuele Tabone vs. On. Imħallef Albert Magri", dec. in parte, Prim'Awla mill-On. Imħallef Alb. Camilleri fis-6 ta' Frar, 1962).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, billi tiddikjara li l-ġudizzju huwa integru fil-persuna tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u tordna li l-kawża titkompla fil-meritu.